**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 ta' Settembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 380/2024 JPG**

**Kawza nru.: 19**

**MS**

**U**

**SC**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 26 ta' Lulju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) gewwa San Anton Gardens (certifikat taz-zwieg bin-numru 2968/2012) hawn anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Malcolm Licari datat nhar is-sitta (6) ta' Gunju 2024 u ghalhekk is-separazzjoni taghhom giet regolata b'dan il-kuntratt (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B);*

4. *Illi anke skont klawzola numru tnejn (2) taht it-titlu 'Firda Personali' gewwa l-*

*istess kuntratt, il-partijiet kienu ilhom separati de facto mill-15 ta' Novembru tas-sena elfejn, tlieta u ghoxrin (2023);*

5. *Illi l-partijiet, permezz ta' dan l-istess kuntratt ta' separazzjoni, irrinunjzaw definittivament u reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;*

6. *Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikoncijlazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Prevja kull procedura ulterjuri skond il-ligi, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar it-tlieta (3) ta' Novembru 2012; u*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imhollі ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC xehed (vide affidavit fol 20**) illi il-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Novembru 2012 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjara illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazjoni konsenswali datat 6 ta' Gunju 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Licari. Di

piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**SC xehdet (vide affidavit fol 21)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Novembru 2012 liema zwieg jgib certifikat numru 2968/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Malcolm Licari nhar is-6 ta' Gunju 2024 (Vide fol 5 et seqq.) izda jirrizulta mil-kuntratt ta' separazzjoni illi l-partijiet ilhom separati de facto mill-15 ta' Novembru 2023. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2968/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**